# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR172259, Press Release Issue Date: Oct 05, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002 u r-Rakkomandazzjoni tal-UE 2013/647/UE, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku li, wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), l-imsemmi prodott m'għandux jiġi kkunsmat minħabba li nstab li fih livelli għoljin ta' acrylamide.

Deskrizzjoni tal-Prodott: Gallettini tat-tfal bil-konċentrat tat-tuffieħ
Isem tal-Prodott: BISKids
Ditta: Belkorn
Użin: 150g
Numri tal-Lott: 171401 u 164001
Oriġini: Belġju

Il-Kumpaniji involuti ddikjaraw li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet, għaldaqstant id-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

L-Acrylamide ($CH_2=CHCONH_2$) jista' jifforma f'dak l-ikel li tipikament huwa rikk fil-karboidrati, kif ukoll ikel li jkun ġej minn pjanti u li jkollu ammont baxx ta' proteini. Dan jifforma waqt tisjir bħall-qali u sajran fil-forn b'temperaturi ta' 120°C jew iktar. L-effetti kritiċi tal-acrylamide huwa li dan huwa newrotossiku u karċinoġenu. L-acrylamide huwa kkunsidrat bħala ġenotissiku u karċinoġenu fl-annimali tal-laboratorji. Il-Kumitat Xjentifiku tal-Ikel fi ħdan l-Unjoni Ewropea (SCF) ippubblika opinjoni relatata ma' dan is-suġġett wara li l-Università ta' Stokkolma u l-Amministrazzjoni Nazzjonali tal-Ikel fl-Isvezja ppublikaw sejbiet rigward l-acrylamide f'April tal-2002. Dan il-kumitat wera' tħassib rigward il-livelli ta' espożizzjoni u rrakkomondat li l-espożizzjoni għandha tkun l-inqas li huwa raġonevolment possibbli (ALARA) (EFSA, 2005).

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq http://health.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.